31993D0387

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Ġunju 1993

li tqiegħed kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar li joriġinaw fil-Marokk

(93/387/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 tqiegħed il-kondizzjonijiet ta' saħħa għall-produzzjoni u tpoġġija fuq is-suq ta' molluski bivalvi ħajjin [1],u partikolarment l-Artikolu 9 tagħha,

Billi grupp ta' żjara ta' esperti tal-Kummissjoni wettaq spezzjoni fil-Marokk biex jivverifika l-kondizzjonijiet li bihom molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar huma prodotti u mpoġġija fuq is-suq;

Billi leġislazzjoni Marokkina tagħmel lill-ispetturi veterinarji, assistiti minn assistenti tekniċi mid-*Direction de l'élevage* (Direttorat tat-Trobbija ta' l-Annimali) tal-Ministeru għall-Agrikoltura u Riforma Agrarja, responsabbli mill-ispezzjonar tas-saħħa ta' molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar u osservazzjoni tal-kondizzjonijiet ta' l-iġjene u sanitarji tal-produzzjoni; billi l-istess leġislazzjoni tagħti l-poter lill-Ministeru tas-Sajd li jawtorizza jew jipproġbixxi l-ħsad ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar minn ċerti żoni a bażi ta' rapport mid-Direttorat tat-Trobbija ta' l-Annimali u L-Istitut Xjentifiku għas-Sajd Marittimu;

Billi hemm ipprovdut skond leġislazzjoni Marrokkina prevalenti għall-ispezzjoni sistematika għal biotossini ta' molluski bivalvi ħajjin impoġġija fuq is-suq;

Billi d-Direttorat tat-Trobbija ta' l-Annimali u l-laboratorji tiegħu huwa kapaċi li jissorveljaw b'mod effiċjenti l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ fil-Marokk;

Billi l-awtoritajiet kompetenti Marokkini għandhom jikkomunikaw regolarment u malajr lill-Kummissjoni informazzjoni fuq il-preżenza ta' plankton li fih it-tossini fiż-żoni ta' ħsad;

Billi l-awtoritajiet kompetenti Marokkini taw assigurazzjonijiet uffiċjali dwar il-konformità mal-ħtiġijiet speċifikati fil-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE u konformità mal-ħtiġijiet ekwivalenti għal dawk imfassla f'dik id-Direttiva għall-klassifikazzjoni ta' żoni ta' produzzjoni u żoni ta' *relay*, għal l-approvazzjoni ta' ċentri għal dispaċċ u purifikazzjoni, u għal-kontroll tas-saħħa pubblika u osservazzjoni ta' produzzjoni; billi partikolarment xi bidla possibbli fiż-żoni ta' ħsad tkun komunikata lill-Komunità;

Billi l-Marokk hu eliġibbli għal inklużjoni fil-lista, riferuta għaliha fl-Artikolu 9(3)(a) tad- Direttiva 91/492/KEE, li turi l-pajjiżi terzi li jwettqu l-kondizzjonijiet ta' ekwivalenza;

Billi l-proċedura għal ksib ta' ċertifikat tas-saħħa riferut għalih fl-Artikolu 9(3)(b) (i) tad-Direttiva msemmija hawn fuq trid ikollha d-definizzjoni ta' ċertifikat mudell, il-lingwa (i) li bih irid ikun magħmul, il-kapaċità formali tal-firmatarju u l-marka tas-saħħa li għandha tkun imwaħħla mal-pakkett;

Billi, skond l-Artikolu 9(3)(b) (ii) tad-Direttiva msemmija hawn fuq, iż-żoni ta' produzzjoni li minnhom molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar jistgħu jiġu maħsuda w esportati lill-Komunità jridu jkunu definiti;

Billi, skond l-Artikolu 9(3)(ċ) tad-Direttiva msemmija hawn fuq, lista għandha tiġi stabbilita ta' l-istabbilimenti li minnhom l-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar hi awtorizzata; premess li stabbilimenti bħal dawn jistgħu jidhru fuq il-lista biss jekk huma uffiċjalment approvati mill-awtoritajiet kompetenti Marokkini; billi hu d-dover ta' l-awtoritajiet kompetenti Marokkini li jiżguraw li l-ħtiġijiet imqiegħda għal dan il-għan f'dan il-provvediment għandhom jiġu mwettqa;

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 1.

Billi l-kondizzjonijiet speċjali ta' importazzjoni japplikaw mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet meħuda wara d-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 li jikkonċernaw il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw it-tpoġġija fis-suq ta' annimali u prodotti akwakulturali [1];

Billi l-miżuri pprovduti għalihom f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-*Direction de l'élevage* (Direttorat tat-Trobbija ta' l-Annimali) tal-Ministeru għall-Agrikoltura u Riforma Agrarja għandha tkun l-awtorità kompetenti fil-Marokk għal verifika u ċertifikazzjoni li l-molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar iwettqu l-ħtiġijiet tad-Direttiva 91/492/KEE.

Artikolu 2

Molluski bivalvi ħajjin, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar li joriġinaw fil-Marokk u maħsuba għal konsum tal-bniedem iridu jikkonformaw mal-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. kull kunsinna trid tkun akkumpanjata minn ċertifikat tas-saħħa oriġinali nnumerat, komplet kif suppost, iffirmat u datat, li jikkonsisti f'karta waħda skond il-mudell fl-Anness A ta' hawn;
2. kunsinni jridu joriġinaw fiż-żoni ta' produzzjoni awtorizzati elenkati fl-Anness B ta' hawn;
3. iridu jkunu f'pakketti ssiġillati b'dispaċċ approvat jew ċentru ta' purifikazzjoni inkluż fil-lista tal-Anness Ċ ta' hawn;
4. kull pakkett irid ikollu marka tas-saħħa li ma titħassarx li fiha minn ta' l-anqas l-informazzjoni li ġejja:
   — pajjiż ta' dispaċċ: MAROKK;
   — l-ispeċi (ismijiet komuni u xjentifiċi),
   — l-identifikazzjoni taż-żona ta' produzzjoni u n-numru ta' approvazzjoni taċ-ċentru ta' dispaċċ,
   — id-data tal-pakkett, inkluż minn ta' l-anqas il-ġurnata u x-xahar.

Artikolu 3

1. Ċertifikati kif riferuti għalihom fl-Artikolu 2(1) iridu jkunu magħmula f'minn ta' l-anqas lingwa waħda uffiċjali ta' l-Istat Membru li fih l-iċċekkjar ikun sar.

2. Ċertifikati għandhom ikollhom l-isem, kapaċità u firma tal-veterinarju tad-*Direction de l'élevage* u t-timbru uffiċjali, b'kulur differenti minn dak ta' firem oħra mmarkati fuqhom.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-7 ta' Ġunju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 1.

L-ANNESS A

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

li jkopri

— **molluski bivalvi ħajjin** (1)

— **ekinodermi** (1)

— **tunikati** (1)

— **gastropodi tal-baħar** (1)

li joriġinaw fil-Marokk u maħsuba għall-konsum tal-bniedem fil-Komunità Ekonomika Ewropea

Numru ta' Riferenza:

Pajjiż ta' dispaċċ: Marokk

Awtorità kompetenti: 'Ministère de Agrikoltura et de la réforme agraire, direction de l'élevage'

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti**

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Numru ta' Kodiċi (fejn disponibbli): .....

— Tip ta' pakkett: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Numru tar-rapport ta' analiżi (fejn disponibbli): .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

— Żona ta' produzzjoni awtorizzata: .....

— Isem u numru uffiċjali ta' approvazzjoni: .....

— taċ-ċentru ta' dispaċċ (1): .....

— taċ-ċentru ta' purifikazzjoni (1): .....

III. **Destinazzjoni ta' prodotti**

Il-prodotti huma mibgħuta

minn: .....

(Post ta' dispaċċ)

għal: .....

(Pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz tal-mezzi ta' trasport li ġejjin: .....

Isem u indirizz tal-kunsinnatarju: .....

.....

.....

Isem u indirizz ta' minn ħa jiġbor il-kunsinna fil-post ta' destinazzjoni: .....

.....

.....

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli.

IV. **Attestazzjoni ta' saħħa**

L-ispettur uffiċjali hawnhekk jiċċertifika li l-prodotti hajjin speċifikati hawn fuq:

1. kienu maqbuda, fejn bżonnjuż *relaid*, u ttrasportati skond ir-regoli tas-saħħa stipulati fil-Kapitoli I, II u III ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE;
2. kienu immaniġġjati, fejn kien hemm bżonn purifikati, u ppakkettjati skond ir-regoli tas-saħħa stipulati fil-Kapitolu IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE;
3. ikunu ghaddew mill-kontrolli skond il-Kapitolu VI ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE;
4. huma:
   — f'konformità mal-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/492/KEE u ghalhekk tajbin ghal konsum tal-bniedem immedjatament (1),
   — mahsuba ghal purifikazzjoni fiċ-ċentru ta' purifikazzjoni speċifikat fil-punt III hawn fuq (1).

Magħmula fi ....., nhar .....
(Post) (Data)

timbru uffiċjali

.....
(Firma ta' l-ispettur uffiċjali)

.....
(Isem b'ittri kapitali, kapaċità u kwalifika tal-persuna li tiffirma)

(1) Ħassar fejn mhux applikabbli.

L-ANNESS B

ŻONI AWTORIZZATI TA' PRODUZZJONI GĦALL-ESPORTAZZJONI TA' PRODOTTI MILL-MAROKK LILL-KOMUNITÀ EKONOMIKA EWROPEA

I. **Żoni ta' produzzjoni li jwettqu l-ħtiġijiet stipulati fil-Kapitolu I (1) (a) ta' l-Anness għad- Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE**

Fruntieri ġeografikali	Numru tal-kodiċi
Mediterran	
Lag Nador (eskluża ż-żona urbana ta' Nador)	25
Żona ta' mal-baħar misjuba f'Essaidia	02
Atlantiku	
Ħalq Oued Tahadart	42
Lag Moulay Bousselham	18
Lag Sidi Moussa w Lag Oualidia	10
Bajja ta' Dakhia (minbarra żoni urbani w tal-port)	27

II. **Żoni ta' produzzjoni li jwettqu l-ħtiġijiet stipulati fil-Kapitolu I (1) (b) ta' l-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/492/KEE**

L-ANNESS Ċ

LISTA TA' L-ISTABBILIMENTI APPROVATI GĦALL-ESPORTAZZJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA

I. **Stabbilimenti ta' dispaċċ**

Isem u indirizz	Numru ta' approvazzjoni
Najmat Allah, Nador	01-10-065
Marost, Nador	01-10-066

II. **Stabbilimenti ta' purifikazzjoni**

Isem u indirizz	Numru ta' approvazzjoni